Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2017

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-mexxejja tal-pajjiżi jikkommettu ruħhom bis-sħiħ biex iwaqqfu l-bejgħ tal-armi, li jġibu tant qerda fost nies innoċenti.**

## Ninġabar:

Nieħu nifs fil-fond u nidħol fil-preżenza t'Alla. Waqt li nirringrazzja 'l Alla għal dak kollu li rċivejt illum, nieħu ftit tal-ħin biex niftakar f'dawk il-persuni li ġew feruti jew tilfu ħajjithom illum, speċjalment dawk il-persuni innoċenti li ġew maqtula fil-gwerer.

## Fatt ċkejken:



Mustafa Naji al-Mrabet kien qed jolfoq waqt li sħabu ggwidawh 'l barra mill-moskea. Kellu idu x-xellugija u saqajh it-tnejn infaxxati, ħwejġu kienu mċappsa bid-demm u kien għad għandu l-labra ħierġa minn ġol-vina ta' jdejh. Hu kien qed jibki t-telfa ta' martu, Ibtisam u tat-tfal tiegħu, Mohammed u Motez, li kellhom tliet u ħames snin. It-tifel l-ieħor, Naji, li kellu tmien snin, kien qiegħed rikoverat l-isptar fis-sezzjoni tal-kura intensiva minħabba l-ġrieħi gravi li sofra.

Abubakr Ali, ħu Ibtisam, kien qed jibki ħdejn Mustafa. Kien għadu kif kixef il-kutri li kienu qed jgħattu liż-żewġ twiebet tan-neputijiet tiegħu Mohammed u Motez. Maġenbhom kien hemm oħtu, Ibtisam, fit-tebut. It-tlieta li huma kienu nqatlu kmieni filgħodu waqt li kienu reqdin meta d-dar tagħhom li kienet fl-inħawi ta' barra tal-belt ta' Zlitan fil-Libja ġiet milquta minn *airstrike* tan-NATO. L-*airstrike* kien immirat għall-bini li kien qed jiġi kkontrollat mill-qawwiet tal-gvern. Iżda l-familja ta' Mustafa spiċċat innoċentament involuta fl-*airstrike*, b'riżultat fatali għal tlieta minnhom. Sfortunatament din hi l-istorja ta' ħafna ċivili li jispiċċaw vittmi innoċenti tal-gwerer u tal-bejgħ tal-armi.

[http://edition.cnn.com/2011/WORLD/africa/08/04/libya.family.killed/index.html]

## Naħseb ftit:

Biljuni ta' dollari Amerikani jintefqu kull sena fuq armi u munizzjon. Is-sigurtà tal-pajjiżi jridu jkunu mħarsa, iżda nistaqsi: huwa ġustifikat li jintefqu dawn l-ammonti kbar ta' flus fuq l-armi?
Peress li ħafna mill-armi jinxtraw minn pajjiżi anqas żviluppati, ma tkunx aktar ta' benefiċċju għaċ-ċittadini li kieku dawn il-flus jiġu investiti fl-edukazzjoni u s-saħħa?

## Nitlob:

O Alla, agħti l-għerf lill-mexxejja tal-pajjiżi biex jifhmu l-impatt tal-bejgħ tal-armi u ma jinjorawx il-konsegwenzi serji li jħallu fuq il-ħajja tan-nies. Għinhom biex jifhmu li l-ħajja umana hija ħafna aktar prezzjuża minn kull somma flus li tista' tiġi ġġenerata minn dan in-negozju.

## Kliem ta' dawl:

Kull xkubetta li ssir, kull bastiment tal-gwerra varat, kull rokit sparat, fl-aħħar mill-aħħar ifissru serq minn dawk li m'għandhomx x'jieklu hu jibqgħu bil-ġuħ, minn dawk li m'għandhomx x'jilbsu u jibqgħu iħossu l-bard.

*D. Eisenhower, president tal-Istati Uniti tal-Amerika*

## X'nista' nagħmel:

Nipprova nżomm ruħi nfurmat dwar in-negozju tal-armi u dwar il-pajjiżi li bħalissa huma involuti f'xi kunflitti. Nipprova noħloq aktar għarfien dwar l-impatt tal-bejgħ tal-armi u biex nippromwovi l-paċi billi nagħmel xi kumment fuq Facebook u nipprova nqajjem is-suġġett meta nkun qed nitkellem ma' ħbiebi.